**14 ta' Mejju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Julian Bonello

**Rikors ta' Appell – Rekwiżiti – Fatti fil-Qosor – Nullità**

*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti li tispigola l-fatti mill-aggravji. Il-fatti saljenti għandhom, taħt piena ta' nullità, jiġu esposti mill-appellant b'mod ċar u komplet.*

*L-appellant għandu jkollu konjizzjoni tal-fatti independentement mill-proċess.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni talli fl-Imsida matul dawn l-aħħar xhur, qabel Mejju 1987, naqas li jobdi l-ordni mogħtija lilu mill-Pulizija biex ineħħi l-periklu u jsewwi l-ħsara li hemm fil-fond numru 11/5 Valley Road, Msida proprjetà tiegħu jew amministrata minnu u b'hekk huwa ma obdiex ordni leġittimu bi ksur ta' artikolu 338(cc) tal-Kodiċi Kriminali, bit-talba li l-Qorti f'każ ta' kundanna, barra milli tagħti l-piena skond il-liġi fit-termini ta' l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputat ineħħi l-inkonvenjent fi żmien suffiċjenti mogħti lilu taħt penali ta' mhux anqas minn Lm2 kuljum fin-nuqqas jew ordni li dan isir mill-Pulizija bi spejjeż ta' l-imputat jekk dan jibqa' ma jottemperax mal-liġi;

Rat is-sentenza tas-17 ta' Frar, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkundannat lill-imputat għoxrin lira multa, u għall-ispejjeż tar-rapport, u a tenur ta' l-artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat ineħħi l-inkonvenjent fi żmien xahrejn taħt penali ta' żewġ liri kuljum;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta' dik is-sentenza;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 1992 l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' l-appell stante li dan, għalkemm fih diversi aggravji spjegati fit-tul, ma fihx il-fatti li taw lok għall-akkuża kif tassattivament rikjest fl-artikolu 419(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

2. Dan l-artikolu jiddisponi li r-rikors ta' l-appell għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, (a) il-fatti fil-qosor u (b) ir-raġunijiet ta' l-appell, apparti, naturalment mit-talba;

3. Fir-rikors ta' l-appellant hemm esposizzjoni ta' l-aggravji tiegħu. M'hemmx esposizzjoni tal-fatti. Fit-trattazzjoni orali l-Avukat ta' l-appellant issottometta li l-fatti jirriżultaw fl-aggravji spjegati fir-rikors. Anki kieku kien hekk, li fil-fatt m'huwiex, dan ma jissoddisfax il-vot tal-liġi. M'huwiex il-kompitu tal-Qorti li tispigola l-fatti mill-aggravji. Il-fatti saljenti għandhom, taħt piena ta' nullità, jiġu esposti mill-appellant b'mod ċar u komplet. Dawn il-fatti, hekk esposti, ma jirriżultawx fir-rikors;

4. B'risposta għall-eċċezzjoni in kwistjoni, l-appellant għamel sottomissjoni, verbalizzata, donnha fis-sens li ma setax isemmi l-fatti minħabba li ma kellux aċċess għall-proċess tal-kawża. F'dan ir-rigward, l-appellant għandu jkollu konjizzjoni tal-fatti indipendentement mill-proċess. Inoltre, din l-inaċċessibilità kienet se mai tkun fatt importanti li kien messu ġie indikat fir-rikors. Ma hemm ebda aċċenn fir-rikors għal dan l-ilment;

Għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni msemmija, u tiddikjara rritu u null ir-rikors ta' l-appell u għalhekk null anke l-istess appell.